**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 58/15 AL

**Dr. A B f'isimha proprio u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri K K R B**

***vs***

**C R**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti hija ċittadin Ġermaniża li ilha tabita f'Malta għal dawn l-aħħar sitt (6) snin;

2. Illi matul dan il-perjodu li ilha tabita f'Malta, l-esponenti kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-intimat, C R. Minn din ir-relazzjoni l-esponenti kellha tarbija li twieldet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju elfejn u tlettax (2013) u li jisimha K R B. Kopja taċ-ċertifikat tat-twelid qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata bħala **Dok. A**;

3. Illi l-partijiet ilhom xhur li waqfu minn din ir-relazzjoni u fl-ahhar xhur kien hemm diversi inċidenti bejniethom. Fil-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-intimat kien mar wara l-bieb ta' l-esponenti u kien ġab ruħu b'mod vjolenti u għamel ħafna theddid fil-konfront ta' l-esponenti. Għalhekk l-esponenti sejħet lill-Pulizija li ħejjew rapport fuq dan l-inċident. (**Dok. B**). Kien hemm incidenti ohra kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza;

4. Illi l-partijiet resqu għal proċess ta' medjazzjoni fuq il-kura u kustodja ta' K R B iżda tali proċess ta' medjazzjoni kellu jingħalaq minħabba li C R ma attendiex hekk kif ġie ukoll speċifikat fid-digriet tal-Qorti li ngħata fit-tmintax (18) ta' Frar elfejn u hmistax (2015) permezz ta' liema digriet l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi b'din il-kawza (**Dok. Ċ**);

5. Illi sa fejn taf l-esponenti, C R ghal xi zmien telaq minn Malta u mar jabita l-Olanda, huwa persuna instabbli u certament li mhuwiex f'qaghda li jittutela lill-minuri. Inoltre, l-intimat jaghmel pressjoni fuq l-esponenti sabiex din tghaddilu flus biex ikun jista' jmantni lilu nnifsu. Ghal dan il-ghan jaghmel kundizzjonijiet relatati mal-minuri;

6. Illi sa fejn taf l-esponenti ukoll, l-intimat jaghmel uzu mid-droga u anke inkiteb mas-servizzi tad-*Detox Centre* kemm-il darba u qieghed jigi segwit minn certu Dr Tonna. Minn barra dan huwa gieli irrikorra ghand Dr John Zammit Montabello minhabba l-istess vizzju tad-droga;

7. Illi inoltre l-intimat ma jhallas l-ebda retta alimentari ghall-htigijiet tal-minuri biex b'hekk l-esponenti qed tispicca terfa' l-piz kollu wahedha minghajr ebda involviment tal-intimat;

Illi r-raguni tat-talba odjerna hi li l-kontendenti kellhom tarbija minn relazzjoni extra-matrimonjali li jisimha K R B u li twieldet fil-21 ta' Ġunju 2013 u minhabba r-ragunijiet hawn spjegati u dawk li jridu jirrizultaw fil-mori tal-kawza, l-esponenti qed titlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-esponenti fil-waqt li l-intimat jigi ordnat ihallas retta alimentari lill-esponenti ghall-

htigijiet tal-minuri u dan fis-somma li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tafda' l-kura u l-kustodja tal-minuri K R B li twieldet nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju elfejn u tlettax (2013) lill-esponenti, salv access ragjonevoli ghall-intimat skond il-ligi;

2. Tordna lill-intimat ihallas retta alimentari lill-esponenti ghall-htigijiet tal-minuri u dan fis-somma li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat illi l-konevnut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta guramentata u b'hekk hu kontumaci f'din il-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri K K R, fejn min-naha taghha l-attrici tikkontendi li ghandha tigi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri *stante* li l-konvenut telaq barra minn Malta u abbanduna lill-istess minuri billi mar jghix barra minn Malta u peress ukoll li l-konvenut ma hux persuna affidabbli peress li jaghmel uzu mid-droga.

Il-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza u dan peress li huwa gie notifikat bil-kawza fid-9 t'April 2015 u baqa' qatt ma prezenta r-risposta tieghu.

## Verzjoni ta' l-attrici

L-attrici tibda billi taghti idea cara dwar l-affarijiet kif graw bejn il-partijiet fir-rikors guramentat promutur taghha[1] meta hija tghid li hija cittadina Germaniza li ilha f'Malta ghal dawn l-ahhar sitt snin u minn relazzjoni extra-matrimonjali li kellha mal-konvenut, twieldet il-minuri K K fil-21 ta' Gunju tas-sena 2013, u llum il-gurnata t-tifla ghandha sentejn. Il-partijiet ilhom xhur li waqfu mir-relazzjoni ta' bejniethom u dan peress li bdew jigru diversi incidenti bejniethom. Hi tghid li fil-5 ta' Novembru 2014, il-konvenut mar wara l-bieb ta' l-attrici u beda jghamel hafna theddid fil-konfront ta' l-attrici tant li kellhom jissejhu l-Pulizija fil-post. Sa fejn taf hi, l-konvenut telaq minn Malta u mar jghix l-Olanda u huwa persuna insabbli u certament mhux f'qaghda li jittutela lill-minuri. Il-konvenut jaghmel pressjoni fuq l-attrici biex tghaddilu l-flus biex hu jkun jista' jmantni lilu nnifsu. Hi taf ukoll li l-konvenut jaghmel uzu mid-droga u gieli irrikorra ghall-ghajnuna minhabba l-vizzju tad-droga.

L-attrici tipprezenta wkoll affidavit[2] taghha u bil-lingwa Ingliza taghti dettalji kronologici dwar l-affarijiet kif graw bejn il-partijiet u x'wassalha biex qed taghmel it-talba odjerna. Hija tghid li hija mara ta' nazzjonalita' Germaniza u ilha tghix Malta ghal dawn l-ahhar sitt snin u minn relazzjoni mal-konvenut, twieldet il-minuri K K fil-21 ta' Gunju 2013. Sena wara t-twelid tat-tifla r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet. Minkejja dan hi tghid li zammet relazzjoni tajba ma' omm il-konvenut Francesca Dingli li titkellem frekwentament mat-tifla K. Hi zzid li waqt ir-relazzjoni, il-konvenut C R beda jgib ruhhu b'mod vjolenti hafna fil-konfront taghha tant li tiftakar episodju meta l-konvenut ipprova joqtolha, u dan peress li kien pejjep hafna *crack,* tant li kien qieghed igib ruhhu b'mod psikotiku u vjolenti. L-attrici tghid li kellha t-tarbija f'idejha u taha daqqa b'rasu u waqqaghha fuq is-sufan bit-tifla f'idejha. Hu beda jghidilha li ser joqtolha u beda jipprova jifaghha. L-attrici tghid li l-konvenut waqaf u marret thabbat il-

[1] Ara fol 1 tal-process
[2] Ezebit a fol 16 tal-process

bieb tal-girien taghha ghall-ghajnuna. Il-Pulizija waslu fuq il-post u minhabba dan l-incident spiccat tkecciet mill-flat fejn kienet toqghod f'Fort Cambridge u kellha ssib appartament gdid. Wara dan l-incident, hi tghid li l-vjolenza min-naha tal-konvenut baqghet ghaddeja. Fil-fatt hi tghid li meta marret il-Qorti biex tintavola din il-kawza, l-konvenut stenniha barra l-Qorti u beda joffendiha biex taghtih il-flus, u juza l-theddid li ser jiehu lit-tifla biex iktar jiehu flus minghandha. L-attrici tghid li dejjem tibza' taghmel rapport lill-pulizija minhabba li dawn l-affarijiet kienu qeghdin jaghmluha anzjuza. Il-konvenut jaghmel uzu regolari mid-droga u kien jipprova jieqaf ghal xi perjodu ta' zmien meta mar jiehu l-ghajnuna d-*Detox Centre*. Hi zzid tghid li l-konvenut telaq minn Malta u ghamel diversi xhur jghix l-Olanda, izda irritorna u kif irritorna regghu bdew l-incidenti u t-theddid, u qalilha li jekk hi tghid li l-kovenut ghandu problemi ta' droga, hu se jghid li l-attrici hija marida mentalment u li ma hix kapaci tiehu hsieb lit-tifla. L-attrici tghid li impjegat *nanny* biex tghinha. Saret taf li l-konvenut ser jerga' jsiefer biex jibda hajja gdida u li ma kellu l-ebda intenzjoni jirritorna, fil-fatt l-attrici tghid li zammet kuntatt regolari ma' omm il-konvenut u li ghandha relazzjoni tajba maghha, ghalkemm din tal-ahhar ma qablitx li jsiru dawn il-proceduri. L-attrici tghid li m'ghandiex oggezzjoni li l-attur jinghata access ghall-minuri. L-attrici zzid tghid li qatt ma nghatat xi retta alimentarja mill-konvenut ghat-tifla, anzi huwa jitlobha l-flus biex ikompli ghaddej jiehu d-droga.

L-attrici terga' tixhed *viva voce* quddiem il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2015[3] u tghid li xi tlett gimghat qabel, tkellmet mal-konvenut li qalilha li kien qieghed jghix Amsterdam u li kien bla xoghol, bla numru ta' telefon, minghajr indirizz u kien qed jghix fit-toroq, infurmaha ukoll li kien sejjer il-habs ghal sentejn f'Amsterdam izda ma qalx ghal-liema raguni u qal li ma kellu l-ebda pjan biex jirritorna Malta. Hi terga' ttenni li l-konvenut huwa dipendenti fuq id-droga.

## **Il-Provi Migbura**

Il-Qorti tirrileva li apparti l-affidavit gia msemmi u x-xiehda ta' l-attrici, ma hemmx provi ohra ghajr provi dokumentari li ipprezentat l-attrici stess, fosthom kopja tac-certifikat tat-twelid

[3] Ara fol 21 tal-process

tal-minuri K[4], u kopja ta' rapport[5] intavolat mill-attrici fil-5 ta' Novembru 2014 lill-pulizija dwar meta l-konvenut beda jhedded, jghajjat u jghajjar lill-attrici quddiem il-bieb tad-dar taghha, filwaqt li beda jghidilha li se jiehu t-tifla minghandha u jitlobha l-flus.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>**

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[6] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[7] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[8] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

Il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita' lill-attrici, fin-nuqqas ta' prova kontrarja tal-konvenut, u l-attrici uriet kemm verament qieghda tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibbli. Dan hu kkonfermat mix-xiehda u mill-provi dokumentari li pprezentat u l-attrici segwiet kull pass legali biex dak li taghmel taghmlu skont il-ligi. L-attrici tghid li kemm il-darba ppruvat tirranga l-affarijiet mal-konvenut anke mal-familjari tieghu, ladarba huwa telaq darba ghal dejjem barra minn Malta u tali komportament juri mhux biss sens ta' maturita' izda wkoll sens li l-attrici kapaci tpoggi l-interessi ta' bintha qabel taghha.

Min-naha tieghu il-konvenut jidher li m'ghandu ebda interess fil-minuri, tant li iddecieda li jitlaq ghal dejjem barra minn Malta mhux darba izda iktar minn darba, u ghazel li ma jirrispondix ghal din il-kawza meta kien notifikat biha. Il-fatt biss li huwa joqghod juza' lit-tifla bhala oggett biex jiehu l-flus minghand l-attrici juri li l-interess tieghu huwa fih innifsu u mhux f'bintu. Tali nuqqas ta' interess assolut fil-minuri juri li l-istess konvenut zgur li m'huwiex idoneju biex ikun fdat bil-kura u l-kustodja ta' bintu,

---

[4] Immarkat bhala DOk A u ezebit a fol 5 tal-process
[5] Imamrkat Dok B u ezebit a fol 6 tal-process
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

anke jekk b'mod kongunt ma' l-attrici. Missier li lanqas irid kuntatt ma' bintu kemm b'mod dirett jew indirett, m'ghandux ikollu d-dritt li jippregudika l-hajja ta' bintu. Min-naha l-ohra, l-fatt li l-konvenut m'ghandux interess f'bintu ma jfissrix awtomatikament li l-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-omm. Irid jigi accertat li dan ikun fl-ahjar interessi tal-minuri.

Izda mill-provi esebiti kif ukoll mill-fatt li l-attrici ilha tiehu hsieb lill-minuri minn mindu twieldet, jirrizulta li l-attrici dejjem rat l-ahjar interessi taghha u qeghda taghtiha ambjent tajjeb fejn titrabba, tant li ingaggat l-ghajnuna ta' persuna professjonali ghad-drabi meta hi ma tkunx tista' toqghod ma' bintha. Dan iwassal lil din l-istess Qorti sabiex minghajr ebda dubju tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tat-tifla K K tigi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attrici. Dan ifisser li ghandha tkun l-istess attrici li b'mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-konvenut mhux fil-hajja tal-istess minuri.

**<u>L-access</u>**

L-attrici xehdet fil-Qorti u qalet li ma ghandhiex problema li l-konvenut ikollu access adegwat ghall-minuri u dan jidher bic-car ghaliex nizlitu bhala parti mit-talbiet taghha fir-rikors guramentat promutur taghha.

Il-Qorti giet infurmata wkoll mill-attrici li hija ghandha relazzjoni talba man-nanna paterna ta' bintha K K, u il-Qorti m'ghandha l-ebda kompetenza biex taghti xi dritt ta'access lin-nanna paterna tal-minuri, li tigi omm il-konvenut, madanakollu, fl-ahjar interess tal-minuri, l-Qorti thoss li ghandha tirrakkomanda lill-attrici, li jekk kemm il-darba l-attrici tara li l-kuntatt ta' bintha man-nanna paterna huwa wiehed li qieghed jiswa' ta' gid ghall-minuri, l-attrici ghadha zzomm tali kuntatt man-nanna paterna tal-minuri K K.

Rigward l-access ghal missier il-minuri, il-Qorti tara li tenut kont ta' l-agir tal-konvenut,  il-Qorti hi marbuta bil-ligi li taghmel dak kollu possibbli ghall-protezzjoni u fl-ahjar interess tal-minuri, il-Qorti xorta se taghti access lill-konvenut ghal bintu u dan peress li wkoll huwa fl-interess tal-minuri li jkollha relazzjoni ma'

missierha. Izda l-Qorti ser tordna li l-minuri K K tattendi ghall-access ma’ missierha b’supervizjoni mis-*social workers* ta’ l-Agenzija Appogg, a spejjez tal-konvenut.

**Manteniment**

F’dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid:

“*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

ghall-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

u ghall-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta’ l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri pero’ jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied specjalment ghall-manteniment ta’ l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta’ l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu l-xulxin skond id-dettami tal-ligi u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-

genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, ma ghandna l-ebda prova ta' introjtu kemm ta' l-attrici kif ukoll tal-konvenut. It-tifla minuri hija prijorita' u tigi l-ewwel u qabel kollox u irrispettivament jekk il-konvenut ghandux qliegh *o meno* il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi retta alimentarja li ghandha titlahhas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghal binthom K K.

F'dan il-kuntest il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordhat li ihallas is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghall-minuri K K. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess tifla. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-konvenut ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li r-relazzjoni bejn il-partijiert m'hix mill-aqwa u tali arrangement mhux wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jitahallas sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement issir maggorenni u tkun qeghda tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri tieaqaf tistudja fuq bazi full-time jew tilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tifla minuri K K. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri K K R B f'idejn l-attrici u ghar-rigward l-access ta' l-istess minuri ghall-konvenut, qieghed jigi ordnat li l-access ikun darba fil-gimgha, siegha kull darba fl-ewwel sitt xhur, u saghtejn kull darba fl-gheluq ta' dawn is-sitt xhur, liema access ghandu jsehh b'mod supervizjonat mill-haddiema socjali ta' l-Agenzija Appogg liema spejjez ta' l-access ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut;

2. Tilqa’ t-tieni talba, u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta’ manteniment ghall-minuru K K, s-somma ta’ tlett mitt Ewro (€300) kull erba’ gimghat, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skond l-indici ta’ l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta’ l-istess bint. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas *di fermo* sakemm l-istess tifla tilhaq l-eta maggorenni. Jekk l-istess tifla sussegwentmenet issir maggorenni u tkun qed tistudja fuq bazi full-time, allura tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas mill-konvenut sakemm l-istess tifla minuri tilhaq l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita’ sehh l-ewwel u f’kaz li t-tifla minuri tkun laqhqet l-eta maggorenni u ma tibqax tghix ma’ l-attrici ommha, allura il-manteniment dovut ghandu jibda jithallas direttament lilha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur